

31977D0063

L 13/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.1.1977

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Diċembru
li temenda d-Deċiżjoni 71/306/KEE li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi

(77/63/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill fil-qasam ta' kuntratti ta' provvista pubblika tista' tagħti lok għal problemi li jidher li jkun tajjeb jekk jiġu eżaminati u li għandhom x'jaqsmu ma dawk il-problemi li jinqalgħu fil-qasam tal-kuntratti ta' xogħolijiet pubbliċi;

Billi ikun prudenti għal dan il-għan jekk tiġi estiża l-funzjoni u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti ta' Xogħolijiet Pubbliċi,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 71/306/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (a) fl-Artikolu 1, il-kelma "xogħolijiet" għandha tkun imħassra;
- (b) fl-Artikolu 2, immedjatament wara l-kliem "xogħolijiet pubbliċi", il-kliem "u provvisti pubbliċi" għandhom jiġu miżjuda; u

(ċ) fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3, il-kliem "sostitut wieħed" għandhom jitħassru u l-kliem "sostitut wieħed jew tnejn" għandhom ikunu mibdula.

L-Artikolu 2

Mid-data ta' meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, il-Kumitat għandu jingħata l-isem ta' Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1976.

Chall-Kunsill

Il-President

A. P. L. M. M. van der STEE